RETTIFIKA

Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/308/PESK tas-26 ta' April 2012 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 154 tal-15 ta' Ġunju 2012)

F'paġna 10, Strument ta' Adeżjoni għat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk mill-Unjoni Ewropea:

a) it-tieni premessa:

minflok: "BILLI l-Artikolu 18, il-Paragrafu 3 tal-imsemmi Trattat, kif emendat mill-Artikolu 1 tal-imsemmi t-Tielet Protokoll jipprovdi li l-organizzazzjonijiet reġjonali li l-membri tagħhom huma biss stati sovrani jistgħu jaderixxu mat-Trattat bil-kunsens tal-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk, jiġifieri il-Brunej Darussalam, ir-Renju tal- Kambodja, ir-Repubblika tal-Indonesja, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Lao, il-Malasja, l-Unjoni tal- Mjanmar, r-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor, ir-Renju tat-Tajlandja u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam;"

aqra: "BILLI l-Paragrafu 3 tal-Artikolu 18 tat-Trattat imsemmi hawn fuq, kif emendat mill-Artikolu 1 tat-Tielet Protokoll imsemmi hawn fuq, jipprovdi li Stati li jinsabu barra mill-Asja tax-Xlokk u organizzazzjonijiet reġjonali li l-membri tagħhom huma biss Stati sovrani jistgħu jaderixxu mat-Trattat soġġett għall-kunsens tal-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk, jiġifieri il-Brunej Darussalam, ir-Renju tal-Kambodja, ir-Repubblika tal-Indonesja, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Lao, il-Malasja, ir-Repubblika tal-Unjoni tal-Mjanmar, r-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor, ir-Renju tat-Tajlandja u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam; u";

b) titħassar it-tielet premessa;

c) ir-raba' premessa:

minflok: "BILLI l-Istati fl-Asja tax-Xlokk qablu mal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat;",

aqra: "BILLI l-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk qablu mal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat;";

d) fil-parti operattiva:

minflok: "L-Unjoni Ewropea hawnhekk taderixxi mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk b'effett mid-data tad-depożitu ta' dan l-istrument.",

aqra: "ISSA, għalhekk, l-Unjoni Ewropea, wara li kkunsidrat it-Trattat imsemmi hawn fuq, kif emendat mill-Protokolli, b'dan taderixxi miegħu u tassumi fedelment l-impenn li twettaq u tagħmel l-istipulazzjonijiet kollha li jinsabu fih.";

e) il-formula tal-iffirmar:

minflok: "B'XIEHDA TA' DAN, dan l-Istrument tal-Adeżjoni jiġi ffirmat minn [TITOLU].",

aqra: "B'XIEHDA TA' DAN, l-Istrument tal-Adeżjoni huwa ffirmat mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.".